**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 110/17 AL

**A B**

***vs***

**Avukatessa Dr Yanika Bugeja u l-Prokuratrici Legali Louise Tufigno, nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti, CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewget lil CD fl-1 ta' Jannar, 2009, fis-Sudan, milliema zwieg ma twieldux ulied;
2. Illi proprju wara ftit xhur li zzewgu l-kontendenti nfirdu minn xulxin b'mod li kull wiehed minnhom mar jghix ghal rasu u b'hekk inqata kull kuntratt bejniethom;
3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jergghu

jirrikonciljaw peress li l-intimat, CDbaqa' jghix is-Sudan waqt li l-esponenti qeghda tghix f'Malta;

4. Illi lanqas hemm kwistjoni ta' manteniment bejn il-kontendenti stante minn dakinhar li nfirdu hadd ma mantna lil hadd u kullhadd hadem biex mantna lilu nnifsu;
5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha li jissodisfaw d-dispozizzjonijiet relattivi tal-Att. XIV tal-2011 dwar id-divorzju u/jew hall taz-zwieg;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Jannar, 2009 fis-Sudan;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti;
2. Illi f'dan l-istadju, l-esponenti m'ghandhomx dettalji sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw ma CD, u l-kuraturi deputati jinnotaw li lanqas meta saret il-medjazzjoni ma kien maghruf l-indirizz tas-Sur Tesfamariam. Pero' minn issa, l-esponenti qeghdin jitolbu lill-attrici sabiex tipprovdi d-dettalji ta' l-assenti, anke jekk l-ahhar indirizz li taf, xi persuna li taf li kellha kuntatt mieghu; numru tal-mobile, jew xi mezz ta' komunikazzjoni ohra;
3. Illi ghalhekk, l-esponenti jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba jirnexxielhom jikkomunikaw ma' l-assenti fuq imsemmi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u illi ghaddiet mill-procedura ta' medjazzjoni;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.